# QIMA LEJN SANTA VENERA F'MALTA

Il-Padruna tal-Parroċċa hija Santa Venera Verġni u Martri. Għalkemm l-isem ta' Santa Venera ma nsibuħx imsemmi fil-kanone tal-Missal Ruman, xorta waħda din il-qaddisa hija waħda mill-martri l-kbar ta' l-ewwel żminijiet tal-Knisjal Il-kult tagħha kien fil-periklu li jintilef għal dejjem, f'dawk l-ewwel mijiet ta' snin. Iżda ġara li l-qima lejn Santa Venera malajr xterdet mad-dinja, kif ukoll f'Malta. Se naraw xi jfakkarna f'Santa Venera ġo Gżiritna.

1. Nibdew s'intendi bil-Parroċċa ta' Santa Venera li twaqqfet fl-1918; 70 sena ilu. Il-bini tal-Knisja li naraw illum intemm fl-1688. L-arkitett kien Giovanni Barbara, minn Ħal Lija (1642 - 1728). Il-Kwadru titulari li jirrappreżenta lil Santa Venera qiegħda tippriedka, u l-pittura tal-abside li juri l-Martirju, tagħha. Filwaqt li sa issa l-pittur li pinġa t-titular għadu mhux magħruf, dak tal-Abside u skola ta' Mattia Preti. Hawnhekk ukoll insibu l-Ostensorju, bir-Relikwi ta' Santa Venera, flimkien ma' dawk ta' Sant' Anna u San Ġwakkin. Insibu wkoll żewġ statwi ta' Santa Venera, l-antika (Ta' Carlo Darmanin) li llum tinsab fil-Kripta tal-Knisja l-Ġdida, u l-istatwa l-ġdida ta' Karmenu Mallia, li toħroġ fil-pruċissjoni, u li saret fl-1919. Sena oħra din l-istatwa tagħlaq ukoll 70 sena.

2. Il-Katakombi ta' Santa Venera ġewwa r-Rabat Ta' Malta. Dan is-sotteran u Ċimiterju jinsab abbandunat. Bosta naħat tal-Katakombi huma mbarrati bit-tiġrif ta' żmien antik. Hawnhekk irridu ngħidu, illi l-Maltin fi żmien il-ħakma Rumana kienu mħollijin jagħmlu funzjonijiet Reliġjużi minbarra dak tat-tfin, billi skond il-liġi Rumana kellhom jaħarqu l-mejtin tagħhom. Dan għadu jidher fid-fdal tal-iġsma li nstabu fil-katakombi ta' Santa Venera fir-Rabat ta' Malta. Dan għamluh biex jinħbew mir-Rumani, għax ir-Reliġjon nisranija kienet tħeġġiġhom biex iweġġgħu l-mejtin tagħhom.

3. Tpinġija fuq il-ħajt ta' xbieha ta' Santa Venera, fil-katakombi ta' Sant' Agata, ġewwa ir-Rabat ta' Malta wkoll.

4. Tpinġija ta' Santa Venera, fil-Knisja tal-Griegi, fil-Belt Valletta, magħrufa bħala Santa Parasceve. Din il-knisja hija ddedikata lil Madonna magħrufa aħjar bħala S. Marija Damaxxena u ġiet inkurunata f'Ottubru 1931. Għal min forsi għadu qatt ma mar u żar din il-knisja, jagħmel sew jekk imur issa, l-ewwelnett biex iżur il-Verġni Mqaddsa f'din is-Sena Marjana li bdiet f'Pentecoste 1987 u se tispiċċa f'nhar S. Marija 1988, u it-tieni biex jara b'għajnejh l-inkwadru fuq imsemmi ta' Santa Parasceve, kif inhi magħrufa S. Venera mal-Griegi.

5. Statwa ta' Santa Venera meqjuma fil-Knisja tal-Abbatija (Santa Skolastika) ġewwa l-Birgu, maħduma minn Carlo Darmanin (1825 - 1909).

6. Relikwa ta' Santa Venera, midfuna fl-artal maġġur tal-Knisja Arċipretali ta' Santa Katerina taż-Żurrieq, flimkien ma' relikwi ta' qaddisin oħra, meta

kienet ġiet ikkonsagrata din il-knisja fit-30 ta' Diċembru 1731.

7. Xbieha oħra ferm antika ta' Santa Venera li fl-antik aktarx kienet meqjuma fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Illum din ix-xbieha tinsab fil-mużew ta' l-istess Knisja Parrokkjali.

8. F'Għawdex, ġewwa r-raħal antik tax-Xagħra, kien hemm knisja żgħira ddedikata lil Santa Venera.

9. Id-devozzjoni lejn Santa Venera, fil-Knisja ta' Santa Anna, fil-Qrendi fl-antik. Din il-knisja kienet tbierket fis-6 ta' Settembru 1589, mill-Kappillan taż-Żurrieq. Fis-26 ta' Lulju, kienet tiġi ċċelebrata quddiesa kantata u għasar ad unur ta' Santa Venera.

10. It-tifkiriet tal-Ħajja ta' Santa Venera li huma miġbura mill-kittieb Pietro Natali.

11. L-għadd kbir ta' rġiel u nisa u tfal li jġibu l-isem ta' Venera, Veneranda, jew Venerando.

12. Nispiċċa, billi ukoll insemmi proverbju partikulari, ma' frotta partikolari li missirijietna fl-antik kienu jassoċċjaw mal-festa ta' Santa Venera li kien igħid: "F'Santa Anna u Santa Venera, il-farkizzan ibexxaq fommu." Sant Anna daħlet fil-proverbju flimkien ma' Santa Venera, peress li l-festa tagħhom tiġi flimkien, jiġifieri nhar is-26 ta' Lulju. Għalhekk missirijietna għaqqdu fih din l-osservazzjoni, billi n-natura tnewwel mal-friegħi tas-siġra tal-frott mill-aktar bnin.

**Joseph Giorgio.**



**Ritratt li juri statwa ta' Relikwarju ta' Santa Venera V.M. fil-Monasteru tas-Sorijiet tal-Klawsura fil-Birgu.**



**Ritratt li juri mużajk ta' Santa Venera V.M. fil-Knisja tal-Griegi fil-Belt Valletta.**